BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166   Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270  Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt     website : www.birgu.gov.mt

1 ta' Lulju, 2008

**Minuti tal-laqgha numru 18(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu iltaqa' ghal laqgha numru 18(05), fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar l-Erbgha 25 ta' Gunju, 2008 fi 6:15

**Prezenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, is-Sinjura Miriam Grech - kunsilliera, u s-sinjura Judith Saliba – Kunsilliera.

Il-Kunsillier Ivan Peresso, nghaqqad ghal laqgha fi sitta u ghoxrin minuta filwaqt li l-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar nghaqqas ghal laqgha fi sitta u nofs.

Ippresieda is-Sindku, s-sur John Boxall.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-laqgha 17(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.2(17/05), is-Sindku talaba sabiex is-Segretarja Ezekuttiva ticcekja mal-Fondazzjoni Temi Zammit, jekk il-Kunsill m'ghandux jibghat l-materjal kollhu rigward l-attivita fi hdan l-Fondazzjoni Anna Lindh, lil istess Fondazzjoni.

1.2 Dwar item 1.3(17/05), is-Sindku qal li rapprezentanti mil-Bank Of Valletta talbu sabiex qabel tigi sottomessa l-applikazzjoni l-MEPA, jaraw l-pjanti u jiccekjaw min naha taghhom li kollox kien sew. Is-Sindku qal li min-naha tal-Kunsill kienu nghataw dak kollhu mitlub u taw l-konferma taghhom sabiex issir l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ddahlet l-MEPA u ggib in-numru PA 03279/08.

1.3 Item 1.4(17/05), is-Sindku qal li x-xoghol ta' kostruzzjoni tal-Gnien Fuq tal-Hawli, kien nbeda izda ghal xi raguni jew ohra, rega' waqqaf, u ghaldaqstant talab sabiex issir laqgha mal-kuntrattur responsabbli, s-sur Brian Lia u mal-perit responsabbli mil-ufficju tal-Perit Duncan Mifsud, il-perit MarkJohn Scicluna.

1.4 Dwar item 1.5(17/05), is-Sindku, s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu, jitlob lil Dr. Christ Ciantar, Segretarju Permanenti, fi hdan il-Ministeru tar-Rizorsi u l-affarijiet rurali sabiex jissuplixxi lil istess Kunsill bi ftit aktar boroz ghal gbir ta' skart separat u b'hekk, il-Kunsill jkun jista' jerga' jqassam konsenja ta' boroz ohra lir-residenti tal-Belt tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.5 Item 1.9 (17/05), is-Sindku, s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-progett tal-Mandragg, fi hdan l-progett MedCOAST.net, progett fi hdan l-Unjoni Ewropea, kien lest u ser tintbaghat ittra ta' ringrazzjament lir-residenti ta' din l-area. Barra min hekk is-Sindku qal li kien hemm ilment li wasal anke fl-Ufficju tal-Prim Ministru, dwar arbli gganteski. Is-Sindku qal li dawn ix-xoghlijiet li saru, kellhom isiru aktar min 28 sena ilu. Is-Sur Boxall, Sindku, qal li ntbaghtu rapprezentanti mil-MEPA, mil-Awtorita tat-Turizmu u l-Kunsill kien ircieva telefonata

anke mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, liema awtoritajiet u dipartimenti, nghataw mil-Kunsill, cd bir-ritratti ta' l-area kif kien qabel u kif propju tlestew x-xoghlijiet.

1.6 Dwar item 2.2 u item 8(17/05), is-sur John Boxall, Sindku, qal li qed ikun hemm diversi ittri fuq il-gazzetti. Is-Sindku qal li hu kien ghadu ma tahx it-twegiba tieghu izda wara l-ahhar ittra li dehret l-Erbgha 18 ta' Gunju, 2008, ser jirrispondiha. Is-Sindku ssugerixxa li aktar-il quddiem tintbaghat mailshot u ssir laqgha Pubblika fejn tigi spjegata fid-dettal is-sitwazzjoni ta' l-iskema ta' parkegg ghar-residenti.

1.7 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li dwar item 2.4 (17/05), kien twahhal bollard wiehed u kellhu jitwaqqaf ix-xoghol minhabba li nstab *cable* tad-dawl .Barra min hekk, is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva ittra ohra minghand l-Awtorita Dwar it-Trasposrt sabiex l-*u-shapes* ezistenti jinqalghu.

1.8 Item 2.7(17/05), is-Sindku qal li l-persuna maghzula mil-grupp Square Wheel entertainment sabiex jigi nnominat bhala Zghazugh tas-Sena 2008 ghandu jkun s-sur Arthur Demarco peress li hu jilhaq il-kriterji mitluba. Is-Sindku qal li bdew il-preparamenti ghal applikazzjoni, fejn is-sinjorina Melanie Amaira qed tghin lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex timtela din l-applikazzjoni.

1.9 Dwar item 2.12 (17/05), is-sur John Boxall, Sindku qal li l-ittra lil Prim Ministru rigward s-suggeriment tal-Kunsill sabiex issiru diversi attivitajiet fil-Birgu kienet intbaghtet u l-Kunsill kien ircieva, ittra minghand is-Sur Charles Bonello, Segretarju Privat tal-Prim Ministru, fejn talab lil Kunsill, l-ispejjez nvoluti ghal attivitajiet msemmija. Ghaldaqstant is-Sindku qal li wara diversi laqghat li saru mas-sur Noel Castillo, kif ukoll li minhabba l-involviment tal-Kunsill fl-attivitajiet precedenti u l-idea ta' kemm kien ntnefaq, is-Sindku pprezenta draft ta' ittra sabiex tintbaghat lis-sur Charles Bonello, li fiha tinkludi l-ispejjez involuti ghal attivitajiet tal-Birgu Fest, Christmas Carols by Christmas Lights u Hamis ix-Xirka fid-dawl tax-xemgha, ghal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni, is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsilliera Judith Saliba, ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.10 Item 2.13 (17/05), is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-accettazzjoni tal-Kunsill sabiex jippartecipa fil-programm "Waslet il-festa...mil-Kunsill" fuq l-istazzjon UTV, kienet ntbaghatet. Is-Sindku qal li huwa jixtieq li ghal dan il-programm ikun hemm il-partecipazzjoni tal-Kunsilliera kollha.

1.11 Dwar item 2.17 (17/05), il-Kunsilliera Miriam Grech, staqsiet jekk s-sejha ghal applikazzjoni sabiex tigi mpjegata persuna fuq bazi kontratwali li tiehu hsieb il-progetti ffinanzjatha mil-Unjoni Ewropea, kinitx nharget. Is-Sindku qal li din l-applikazzjoni ghada ma nhargitx imma ser tinhareg jekk il-Kunsill jirbah xi wiehed mil-progetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera, li s-CEO tal-Fondazzjoni Temi Zammit, kien ukoll lest li jaghti t-training lil persuna maghzula mil-Kunsill.

1.12 Item 2.21 (17/05), is-Sur John Boxall, Sindku, qal li l-laqgha flimkien ma' membri tal-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz, kienet saret u ghaliha kien hemm prezenti il-Kunsilliera Miriam Grech u l-Kunsilliera Judith Saliba. Is-Sindku spjega lil Kunsilliera li finanzjarment il-Kunsill Lokali tal-Birgu jinsab naqa ahjar minhabba l-fatt li l-Kunsill kien ircieva l-flus ta' l-ewwel u t-tieni cost claim tal-progett MedCOAST.net, kif ukoll € 8000, min-naha ta' Awtorita Maltija ghat-turizmu ghax-xoghlijiet li saru f'Gallerija Couvre Porte. Il-Kunsill qed jaghmel mil-inqas infiq u barra min hekk qed issir hafna xoghol mil-haddiema ta' l-ETC. Is-Sindku qal li fil-laqgha li saret l-Kunsill ghamilha cara li l-Kunsill ma jistax jghin finanjzarment ghalkemm huma talbu donazzjoni ghal din is-sena biss peress li hemm il-Festi Specjali ta' San Lawrenz. Dwar dan is-suggeriment kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill jibqa’ jghin lil dan il-kumitat inderitament bhal ma ghamel fis-snin precedent bhal perezempju bit-toqob ta’ l-arbli u kolonni etc…Il-Kunsilliera Miriam Grech, issugerit sabiex tintbaghat ittra fejn ninfurmahom bid-decizjoni tal-Kunsill, izda s-sur John Boxall, Sindku qal li ghalissa ahjar nistennew.

1.13 Dwar item 3 u item 4(17/05), is-Sindku qal li t-tenders kienu hargu.

1.14 Item 7 (17/05), is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kuntrattur Brian Lia, offra li joffri r-riceviment waqt l-attivita tal-kuncert tal-kwintett Amerikan “Top brass quintet” li jaghmel parti mil-U.S. Navy Band (Europe) li ser issir s-Sibt 5 ta' Lulju, 2008. Is-Sindku qal li ghal din l-attivita l-Kunsill stieden lil President u s-Segreterji, flimkien man-nisa taghhom ta' l-ghaqdiet u s-socjetajiet kollha tal-Birgu, kif ukoll bosta individwi li matul dawn l-ahhar snin kienu ta’ ghajnuna lil Kunsill.

1.15 Dwar item 9(17/05),Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jibda jahdem fuq l-attivitajiet ghal Jum il-Birgu. Wara diskussjoni, l-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar stqar li hu kien lest sabiex jorganizza dawn l-attivitajiet. Il-Kunsilliera Judith Saliba qalet li hi kienet lesta li tghin ukoll. Il-kunsilliera Miriam Grech, ssugerit sabiex issir sotto-kumitat, fuq dawn il-festi biss, f'dan is-sotto kumitat jigu mfassla l-attivitajiet ghal Jum il-Birgu, 2008 u mbaghad jigu decizi fil-laqgha tal-Kunsill. Il-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar issugerixxa sabiex kuljum issir attivita f'zona differenti u l-ahhar attivita issir Couvre Porte. Is-Sindku, s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex l-attivita ghal anzjani issir Couvre Porte u f'dik il-gurnata jigi nnawgurat l-stair lift li r-Rotary Club La Vallette tat lil Kunsill Lokali tal- Birgu bhala donazzjoni. Wara diskussjoni, s-sur Christopher Cassar issugerixxa sabiex sa laqgha ohra l-kunsilliera kollha jgibu l-ideat taghhom fuq l-organizzazzjoni ta' Jum il-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.16 Item 10(17/05), is-sur John Boxall, Sindku, pprezenta kopja tal-proceduri l-godda ghal gemellagi mibghuta mil-Ufficju tal-Prim Ministru u mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-sur Boxall, Sindku qal li l-skop li jsir l-gemellag huwa li jghaqqad l-kulturi differenti taz-zewg pajjizi. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill juri lir-rapprezentanti tal-kumpanija Future Focus, l-proceduri l-godda dwar il-gemellagi mibghuta u ninfurmawhom li l-Kunsill jista' jasal biss sas-somma ta’ € 3500 skond ir-regolamenti l-godda u nispjegaw il-limitazzjonijiet li ghandna. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## <u>2. Korrispondenza</u>

2.1 Is-sur John Boxall, Sindku, pprezenta ittra minghand is-sinjura Reneta Pavlova fi hdan c-Chamber of Commerce and Industry ta' Dobrich fil-Bulgarija, fejn nfurmat lil Kunsill li l-progett "Beyond Signs in the City", ghadda mil-ewwel fazi ta' selezzjoni fi hdan l-*Lifelong Learning Programme,* progetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea. Is-Sindku zied jghid li s-sinjura Pavlova, talbet lil Kunsill sabiex jibghat l-*letter of Intent,* liema ittra, l-Kunsill kien diga bghat.

2.2 Ittra minghand is-sinjorina Amandine Leopold, segretarja ta' l-Assocjazzjoni AVEC. Is-sur John Boxall, Sindku qal li bejn is-17 u d-19 ta' Gunju, 2008, huwa kien mistieden sabiex jattendi ghal laqgha ta' l-Ezekuttiv ta' din l-Assocjazzjoni. Is-Sindku qal li f'din il-laqgha l-partecipanti gew nformati li ser issiru xi tibdiliet fl-istatut ta' l-Assocjazzjoni AVEC, kif ukoll li is-sinjorina Amandine leopold ser titlaq din l-assocjazzjoni, il-hsibijiet tas-sur Raphael Souchier, delegat generali ta' l-Assocjazzjoni dwar il-futur ta' l-imsemmija Assocjazzjoni, u anke il-pozizzjoni tal-president. Is-Sindku qal li fil-korrispondenza mibghuta, l-assocjazzjoni Avec qed tistaqsi lil membri kollha jekk ma jistghux joffru ufficju permanenti ghal ufficju tas-segretarju u tad-delegat generali ta' l-assocjazzjoni. Wara diskussjoni, s-Sindku qal li fl-opinjoni tieghu l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu juri l-interess tieghu sabiex joffri post bhala ufficju ta' din l-Assocjazzjoni u l-Kunsill jitlob biss l-kera tal-post. Is-Sindku ssugerixxa ukoll sabiex il-Kunsill jitkellem ma' l-Onor. Mario de Marco, Segretarju Parlamentari ghat-turizmu dwar din is-sitwazzjoni. Il-Kunsilliera Miriam Grech issugerit ukoll sabiex il-Kunsill jitkellem ukoll mal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Il-vici Sindku, s-sur Christopher Cassar, ssugerixxa sabiex il-Kunsill joffri l-irhas offerta possibli. Wara diskussjoni, bi qbil unanimu, l-kunsilliera prezenti qablu fuq il-principju li l-Kunsill Lokali tal-Birgu joffri ufficju ghad-delegazzjoni aministrattiva ta' l-Assocjazzjoni AVEC.

2.3 Is-Sindku pprezenta ittra minghand is-sinjorina Amandine Leopold, segretarja ta' l-Assocjazzjoni AVEC, fejn ikkonfermat li l-Kunsillier Ivan Peresso, gie maghzul ghal xahar *scholarship* offrut mil-Assocjazzjoni AVEC u ffinanzjat mil-Ministeru Franciz ghal Kultura u l-Kumminikazzjoni, gewwa Franza. Is-Sindku talab lil Kunsillier Ivan Peresso, jekk hu m'ghadux interessat li jattendi. Is-sur Ivan Peresso, Kunsillier, qal li ser jaghti risposta lis-Segretarja

Ezekuttiva sa nhar it-Tnejn 30 ta' Lulju, 2008, biss jekk ma tinghatax risposta, jkun ifisser li s-sur Ivan Peresso, m'ghadux interessat li jattendi.

2.4 Is-Sindku nforma lil kunsilliera li s-socjeta Rotary Club la Vallette - Malta, offriet li taghmel *stair lift* ghal anzjani tal-lokalita tal-Birgu fil-bini aministrattivi tal-Kunsill. Is-Sindku qal li sabiex dan jigi nstallat hemm bzonn li jsir *full development permit* fi hdan l-MEPA u ghaldaqstant il-Kunsill beda jiehu l-passi mehtiega. Barra min hekk is-Sur Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li ser issir tabella kommemorattiva, sabiex tikkommemora dan il-gest. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta stedina minghand il-Konferenza permanenti ta' l-Ibliet Storici fil-Mediterran fejn is-Sindku gie mistieden sabiex jattendi l- konferenza li ser tigi organizzata min dik l-Assocjazzjoni, li ser issir gewwa Betlem bejn l-20 u 22 ta' Dicembru, 2008. Wara diskussjoni, is-Sindku qal li d-dati ser jkunu l-istess dati ta' l-attivita Carols by Christmas Lights 2008, u ghaldaqstant issugerixxa sabiex din id-decizjoni tittiehed fil-laqgha aktar tard. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Talba minghand is-segretarju tas-Socjeta Storika Kulturali Vittoriosa, is-sur Lorenzo Zahra, sabiex il-Pjazza tal-Belt tal-Birgu ma tibqax tissejjah Misrah. Wara diskussjoni, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jitlob lil Kumiissjoni Elettorali sabiex jinbidel l-isem u min "Misrah ir-Rebha" jsir "Pjazza tar-Rebha". Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera, li l-Kunsill kien ircieva diversi ilmenti rigward il-hajt li hemm fil-parti ta’ fuq fi Triq ic-Centinarju tal-Parocca, taht Triq il-Habs L-Antik, liema hajt qieghed jaqa' u r-residenti talbu sabiex dan il-hajt jigi rrangat. Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta kwotazzjoni minghand is-sur Warren Reed ghal prezz ta' € 2588.80. Wara diskussjoni, s-Sindku, s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex la l-Kunsill jkun f'qaghda tajba dan ix-xoghol issir u sadanitant il-Kunsill jitlob zewg kwotazzjonijiet ohra. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta Memo 12/2008, mibghuta mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar il-hinijiet tax-xoghol ta' l-Impjegati tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal li dan il-Kunsill kien iddecieda li l-Kunsill jimxi skond il-ligi u l-haddiema tal-Kunsill jahdmu biss fix-xahar ta' Awissu bil-hinijiet tas-sajf jigifieri 30 siegha fil-gimgha minhabba l-fatt li s-Sindku ma jistax jigi wara x-xoghol tieghu u ma jsib lil hadd. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta kwotazzjoni minghand Mifsud Garage Ltd. ghal bandiera tal-Kavallieri ghal prezz ta' € 440 vat inkluz. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex l-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Is-Sindku pprezenta korrispondenza minghand is-Sindku tal-Belt ta' Melila, l-Portugal, s-sur Jose Antonio Valles, fejn nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu, li xtaq li jaghmel xi haga bhal esebizzjoni jew konferenza flimkien mal-Kunsill tal-Birgu. Is-Sindku nforma lil Kunsill li hu ghan-nom tal-Kunsill bghat ittra lis-sur Jose Antonio Valles, sabiex jaghti aktar informazzjoni x'jixtieq li jsir bejn iz-zewg lokalitajiet.

2.11 Ittra minghand is-sur Paul Farrugia, Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni San Duminku, fejn il-kumitat talab lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex japprova d-diversi attivitajiet li ser isiru ghal Festa ta' San Duminku, liema festa ser tigi ccelebrata bejn il-Hadd 24 u l-Hadd 31 t'Awissu. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Is-Sindku pprezenta l-konferemazzjoni mil-Education, Audiovisual and Culture executive Agency (EACEA) fi hdan l-Unjoni Ewropea fejn nfurmat lil Kunsill bir-raguni ghalfejn il-progett ta' gemellag flimkien ma' San Pietro In Guarana ma giex accettat, liema raguni kienet li l-spejjez mitluba kienu nqas min € 2,000. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jibghat scanned copy ta' din l-ittra lis-sur Carmine Rizzo, ko-ordinatur ghan-nom tal-Kunsill ta' San Pietro in Guarana. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13 Ittra minghand is-sur Godwin Vassallo, Segretarju tac-Centru Laburista tal-Birgu, fejn nformaw lil Kunsill Lokali tal-Birgu, li s-sur Joseph Scicluna offra sabiex jaghmel ghal spejjez

tieghu, il-bankina min quddiem ic-Centru Laburista sal-hanut l-Arlogg, u ghaldaqstant is-Sur Vassallo ghan-nom tal-Kumitat qieghed jitlob il-permess lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jibda u jsir l-imsemmi xoghol. B'erbgha vot kontra wiehed gie deciz li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu jaghti l-permess mehtiega sabiex jinbeda x-xoghol tal-bankina min quddiem ic-Centru Labursita sa' l-hanut l-Arlogg.

2.14 Ittra minghand is-sur Philip Grech,Segretarju tas-Sezzjoni Zghazagh Palmizi, liema socjeta talbet sabiex jsiru sitt toqob zghar tul Triq il-Mina l-Kbira sabiex jitpoggew il-bnadar li jinhargu mal-Marc. Wara diskussjoni, s-Sindku talab sabiex il-Kunsill jiccekja sew mas-sur Grech x'tixtieq ezatt din is-socjeta.

2.15 Is-Sindku talab lil Kunsillier Ivan Peresso, rigward l-hrug tal-magazine, liema magazine kellhu johrog f'April/Mejju, 2008 u ghadu sal-llum ma harigtx. Il-kunsillier Ivan Peresso qal li ghad fadallu x'jipprepara fil-magazine izda ghadu jkun lest fil-bidu ta' Lulju. Is-Sindku ssugerixxa sabiex f'din il-harga jawguraw l-Festi t-Tajba lil kulhadd. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.16 Is-Sindku pprezenta kopja tal-*Memorandum of Understanding,* iffirmat ta' l-Assocjazzjoni ETNOLA - European Thematic Network of Local Authorities, u spjega lil Kunsilliera, li l-Kunsill Lokali tal-Birgu, issa huwa membru f'din l-assocjazzjoni.

**3. <u>Decizjoni dwar l-iskema tal-parkegg bil-hin ghar-residenti</u>**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal li ressaq dan l-item fuq l-agenda sabiex dak li kien deciz mil-Kunsill ta’ qabel jkun deciz mil-Kunsill tal-llum. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti bil-problemi li l-Kunsill qieghed jsib min naha ta’ l-Awtorita Dwar it-Trasport partikolarment minghand id-Direttrici s-sinjura Audrey Testaferrata De Noto, fejn l-ewwel il-Kunsill gie nfurmat li l-iskema tal-parkegg kienet giet approvata u issa l-Kunsill kien ircieva ittra min dan id-dipartiment li din l-iskema kif mitlub mhux approvata. Is-Sindku staqsa lil kunsilliera prezenti jekk ma jaqblux li l-Kunsill jibqa’ mixi fl-istess triq li beda fiha l-Kunsill precedenti dwar l-iskema tal-parkegg bil-hin ghar-residenti. Il-Kunsilliera kollha b’vot unanimu qablu li l-Kunsill

ghadu jibqa' miexi mad-decizjoni dwar l-iskema tal-parkegg, kif kien gie deciz matul iz-zmien mil-Kunsill precedenti.

4. Ir-relazzjonital-Kunsill ma' rapprezentanti tal-Grand Harbour Marina.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera bid-diversi *clashes* li l-Kunsill kellhu mal-kumpanija Grand Harbour Marina fuq permessi u spjega lil Kunsilliera l-mod kif is-sur Ben Stuart qieghed jitratta lil Kunsill. Wara diskussjoni, is-Sindku ssugerixxa li tinkiteb ittra lid-Diretturi tal-Grand Harbour Marina, sabiex is-sur Ben Stuart ma jersaqx iktar lejn il-Kunsill. Il-Kunsilliera Miriam Grech issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**5. Tagħrif dwar il-proġett ta' pavimentar fiz-zona tal-Collachio**

Is-Sindku nforma lil kunsilliera li wara laqgha li saret mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet nhar il-Gimgha 20 ta' Gunju, 2008, huwa gie nfurmat li l-Unjoni Ewropa approvat ghal Malta € 37 miljun ewro ghal progett ta' restawr ta' swar fejn, l-lokalita tal-Birgu ser tigwadanja min €10.7 miljun ewro. Is-Sur John Boxall, Sindku spjega li barra min dan il-progett ser issir ukoll il-progett ta' pavimentar fiz-zona tal-Collachio. Is-Sindku qal li hu gie nfurmat li qabel ma jigi ordnat, l-materjal tal-pavimentar ser jigi muri lil Kunsill halli l-istess l-Kunsill ikun jaf x'tip ta' materjal ser jintuza' ghal dan il-progett.

Hawnhekk is-Sindku nforma lil Kunsilliera li d-Dipartiment tax-Xoghlijiet, daqt ser johrog it-tender ghal bini tal-Mina li tghaqqad is-sur tat-Torri ta' San Gwann ma dak ta' Couvre Porte. Is-Sindku kompla, fejn qal li l-mapep ta' dan il-progett qeghdin diga l-Kunsill.

**6. Taghrif dwar il-progett ta' restawr tas-swar**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-progett ta' restawr tas-swar ser jibda min wara l-bini tal-polvrista u ser jibqa' sejjer sal-foss, ser issir ukoll parti mit-tarag li jaghti ghal Kalkara u r-restawr tas-swar jibqa' sejjer sa Sally Port, jew kif inhu ahjar maghruf bhala t-toqba. Is-Sur

Boxall, Sindku rega' fakkar lil Kunsilliera dwar l-permessi mehtiega mil-Kunsill ghad-dipartiment sabiex isiru dawn ix-xoghlijiet u fehem li suppost ghal scaffolding jithallas € 2.33 ghal kull metru kwadru. Wara diskussjoni, is-Sindku, s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-Kunill jinnegozzja mad-Dipartiment tax-xoghlijiet dwar l-ammont li jrid ikun dovut lil Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 7. Preżentazzjoni tar-Rapport Finanzjarju

Is-Sindku prezenti l-*financial statements* ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April 2007 u l-31 ta' Marzu, 2008.. Is-Segretarja Ezekuttiva tat spjegazzjoni tal-financial statements kif pprezentati. Is-Sinjorina Bonello gibdet l-attenzjoni li l-kunsill mhux qieghed f'qaghda finanzjarja tajba u ghalhekk f'din is-sena l-Kunsill irid joqghod attent hafna fl-infiq tieghu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex dawn il-*financial statements* jigu approvati. Dwar dan kien qbil unanimu.

## 8. Ħarġa Kulturali għal anzjani għal Gzira t'Għawdex

Il-Kunsilliera Judith Saliba talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex fit-tielet gimgha ta' Lulju, l-Kunsill jorganizza harga kulturali ghal anzjani fil-gzira ta' Ghawdex. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jorganizza din il-harga ghal prezz sussidjat ta' € 12.50. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 9. Parking Bays ta' Triq San Lawrenz.

Il-Kunsilliera Miriam Grech, talbet lil Kunsill jekk hux possibli li l-parking bays li saru fi Triq San Lawrenz, ezattament wara l-Muzew Marritimu, isiru slanting minflok dritti sabiex b'hekk jigu ggwadanjat iktar spazju. Is-Sur John Boxall, Sindku qal li wara diskussjonijiet mal-Koperattiva tabelli u sinjali rrizulta li jekk issiru hekk tohrog b'inqas u barra min hekk jkun ta' periklu li l-karozzi jaghmlu hsara lil xulxin huma u jipparkjaw.

**10. Hwejjeg ohra.**

10.1 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera biex jiehdu hsieb il-korrispondenza minhabba l-festi specjali tal-festa ta' San Lawrenz u d-diversi inviti l-Kunsilliera qeghdin jircievu.

10.2 Is-Sindku gharraf lil Kunsilliera dwar ix-xoghlijiet li qeghdin isiru fuq il-bust ta' Nestu Laiviera. Is-Sindku qal li kif miftiehem f'laqghat precedenti, ic-cerimonja tal-kxif tal-bust ta' Nestu Laiviera ser issir nhar il-Hadd filghodu 11 ta' Jannar, 2009, liema gurnata hija l-25 sena mil-anniversarju tal-mewt tieghu. Is-Sindku ssugerixxa sabiex ghal din l-okazzjoni jigu mistiedna l-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppozizzjoni kif ukoll l-speakers kollha li qdew lil pajjizna. Is-sur Boxall, Sindku zied jghid li l-ispiza ghal monument hija ta' € 2501 li ma jinkludix il-permess tal-MEPA, kif ukoll issugerrix li dak in-nhar issir bibita zghira ta' l-okkazzjoni lil mistednin distinti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il- laqgha ntemmet fid-9:30 ta' filghaxija.

Christine Bonello<br>Segretarja Ezekuttiva

ikkonfermati John Boxall<br>Sindku